# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-7 ta' Lulju 2016

Talba Numru: 930/15NHV

Numru fuq il-Lista: 11

**Titan International Ltd**
(C-1115)

**vs.**

**Richard Ghirxi**
(K.I. 328784 M)

**It-Tribunal**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-24 ta' Diċembru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elfejn, mitejn u sebgħa u tletin ewro u disgħin ċenteżmu (€2,237.90), rappreżentanti:

prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lilu u servizzi oħra mogħtija lilu u dan kif anke jidher mir-rendikont anness.

Bl-imgħax legali mid-29 ta' Lulju 2014 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali li ġiet ippreżentata fl-14 ta' Mejju 2015, kontra l-konvenut.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut, ippreżentata fis-26 ta' Jannar 2016, illi permezz tagħha huwa eċċepixxa:

Illi fl-ewwel lok tiġi eċċepita l-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili u dan sa fejn jirrigwarda l-fatturi numri 70132 u 71127.

Illi fit-tieni lok u mingħajr l-ebda preġudizzju għas-suespost, it-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dana għaliex l-esponent m'għandu jagħti l-ebda ammonti pretiżi lis-soċjeta` attriċi.

Illi fit-tielet lok, l-ittra uffiċjali ai termini 166A hija irrita u nulla u dana għaliex ma ġietx miktuba fil-forma rikjesta ai termini tal-Artikolu 166A(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-esponent m'għandux ibati l-ispejjeż tagħha.

Bl-ispejjeż inkluża  tan-nota fl-atti ta' l-ittra uffiċjali skont l-Artikolu 166A numru 70/15.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-affidavits ta' Dorianne Sciberras u ta' Leo Borg Marks ippreżentati mis-soċjeta` attriċi.

Sema' lill-konvenut jixhed u wkoll lil Reuben Micallef prodott mill-istess konvenut.

Sema' l-kontro-eżamijiet.

Sema' t-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-27 ta' Ġunju 2016, fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni

Ra l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi jistipula:
*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*
*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;*

Ikkunsidra li l-eċċezzjoni sollevata neċessarjament teħtieġ li ssir distinzjoni bejn bejgħ bl-imnut, li huwa preskrivibbli bid-dekors ta' tmintax-il xahar, u bejgħ bl-ingrossa, preskrivibbli bid-dekors ta' ħames snin.

Illi biex wieħed jasal ħalli jiddetermina jekk bejgħ sarx bl-imnut inkella bl-ingrossa wieħed għandu jħares lejn il-bejgħ partikolari u l-għamla tiegħu. *"Normalment, biex bejgħ jitqies bl-imnut, irid jidher li tali bejgħ kien wieħed magħmul lill-konsumatur għall-użu personali tiegħu, filwaqt li, tradizzjonalment, il-bejgħ bl-imnut jingħaraf minn bejgħ bl-ingrossa billi f'dan tal-aħħar il-bejgħ isir lil xerrej li jkun sejjer jagħmel negozju bi jew minn fuq il-ħaġa mixtrija."*[1]

Fis-sentenza Attard vs. Refalo[2], mill-Imħallef Paolo Debono: *"La legge non definisce i relativi concetti del grande o del piccolo commercio, del commercio all'ingrosso e del commercio al minuto, ma, secondo la dottrina, il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore e` che il primo vende per lo piu` a coloro i quali commerciano della cosa comprata mentre il secondo vende per lo piu` ai consumatori e in piccole quantita` misurate dal bisogno di costoro."*

Inoltre kif ġie sewwa ritenut fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Giovanni Micallef vs. Giuseppe Azzopardi[3] *"Che da cio` emerge anche ciaro che i rapporti interceduti tra l'attore e il convenuto sono rapporti d'indole commerciale perche` il citato non acquistava il vino per proprio uso ma per venderlo nella sua bottega …. E quindi le somministrazioni e consegne che l'attore faceva al citato, come evincesi dal complesso di prove, non devono considerarsi come singole consegne a credenza ma come diverse forniture da formare un solo conto."*

---

[1] Cini vs. Debono Qorti tal-Kummerc 05.06.1951 (Kollez. Vol: XXXV.iii.613)
[2] Kollez. Vol. XIII.294
[3] Qorti Civili (sede Kummerc) 19.06.1933

Fil-każ in eżami, mill-assjem tal-provi, jirriżulta li l-konvenut kien qed juża l-oġġetti li kien qiegħed jakkwista mingħand is-soċjeta` attriċi mhux għall-użu personali tiegħu iżda fil-"maggior parti tal-materjal li aħna ħadna mingħand Titan, dan aħna biegħejnieh"[4]. In fatti, l-konvenut flimkien mal-business partner tiegħu kienu akkwistaw b'ċirka €130,000 materjal mingħand is-soċjeta` attriċi li t-Tribunal ma jarax kif seta' ntuża għall-użu personali tal-konvenut.

Kwindi l-preskrizzjoni sollevata mhux applikabbli għall-każ. Jidher evidenti li dan il-każ jitratta ta' bejgħ bl-ingrossa u mhux bejgħ bl-imnut u għalhekk l-artikolu ċitat m'hux appikabbli u b'hekk din l-eċċezzjoni qed tigi respinta.

<u>Dwar il-mertu</u>

Mhux kontradett illi s-soċjeta` attriċi kienet tissupplixxi regolarment lill-konvenut b'airconditioning units u materjal ieħor, liema oġġetti qatt jew f'okkażjonijiet rari biss ġew imħallsa bi flus, imma dejjem ġew imħallsa b'xogħol ta' twaħħil ta' airconditioners, tiswija u xogħol ieħor relatat, magħdum mill-konvenut flimkien mal-business partner tiegħu Reuben Micallef. Dawna jikkontendu illi huma tħallsu għal xogħolhom bi flus f'okkażjoni waħda biss, fis-somma ta' €6500, meta globalment fi tliet snin kienu għamlu f'€130,000 xogħol. Mill-bqija xogħolhom dejjem tħallas bi tpartit mal-materjal. Minkejja nuqqas ta' qbil jekk dan kienx barter jew set off, fis-sostanza l-partijiet qablu li dan kien il-*modus operandi* ta' bejniethom.

Jirriżulta illi meta l-konvenut u Micallef ma baqgħux jiġu iktar inkarigati mis-soċjeta` attriċi, kien hemm kreditu dovut lis-soċjeta` attriċi fis-somma ta' elfejn, mitejn u sebgħa u tletin ewro u disgħin ċenteżmu (€2,237.90), cioe s-somma dovuta f'dawn il-proċeduri. Il-konvenut ma jiċħadx illi huwa fadallu jagħti dan l-ammont anzi f'risposta għal email mibgħuta lilu minn Dorianne Sciberras, (fol. 19) huwa kkonferma li kien għandu jagħti €2216.14 lis-soċjeta` attriċi, mentri huwa ma kellu jieħu xejn mingħandha. Dana tennieh ukoll fil-kontro-eżami fejn il-konvenut xehed "Ngħid li jiena dejjem għidtilhom li jiena kelli nagħti iżda dejjem għidtilhom li kelli nagħti b'bartering".[5]

Fil-fatt, il-kontestazzjoni tal-konvenut hija propju dik – li l-ammont minnu dovut lis-soċjeta` attriċi ikun paċut ma' xogħol, kif dejjem sar fil-passat.

---

[4] Xhieda ta' Reuben Micallef mogħtija fil-11 ta' Mejju 2016 fol. 40.
[5] Xhieda ta' Richard Ghirxi mogħtija fil-11 ta' Mejju 2016 fol. 38

Jirriżulta li m'hemm l-ebda ftehim formali bejn il-partijiet li jobbliga lis-soċjeta` attriċi tipprovdi x-xogħol lill-konvenut, bħalma lanqas m'hemm irbit min-naħa tal-konvenut li bilfors irid jaċċetta x-xogħol mingħand l-attriċi. Dak li sar għal tliet snin kien bl-aċċettazzjoni taż-żewġ partijiet u bil-volonta tat-tnejn, iżda mhux b'konsegwenza ta' obbligi legali.

Lejn l-aħħar tar-relazzjoni kummerċjali tagħhom, Leo Borg Marks ma xtaqx jibqa' jinkariga lill-konvenut bħala subcontractor. Min-naħa tiegħu, il-konvenut ukoll kien imħabbat ħafna bil-klijenti personali tiegħu. Ma rnexxielhomx isibu ħin opportun għat-tnejn sabiex Ghirxi jaħdem għal Titan biex b'hekk jissalda dak li kien minnu dovut.

Kienet x'kienet ir-raġuni wara dan, anke jekk dan potenzjalment seta' kien imputabbli lis-soċjeta` attriċi, l-ammont pretiż minn Titan għadu sal-lum mhuwiex imħallas. It-Tribunal m'huwiex f'pożizzjoni li jordna li dan l-ammont jitħallas mingħand il-konvenut bi tpaċija ma' xogħol, fl-ewwel lok għaliex kif diġa ntqal, m'hemm l-ebda obligazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet f'dan is-sens, fit-tieni lok għaliex it-Tribunal, ai termini tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta, m'għandux il-kompetenza li jagħmel dan.

Għaldaqstant, in vista li l-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi ġie sodisfaċentement ippruvat, u sal-preżenti għadu ma ġiex imħallas la bi flus u lanqas b'konsiderazzjoni oħra, it-talba attriċi timmerita li tiġi akkolta.

**Deċide**

Għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi, jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' elfejn, mitejn u sebgħa u tletin ewro u disgħin ċenteżmu (€2,237.90), bl-imgħax legali dekorribbli mill-21 ta' Mejju 2015, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 710/15, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċċitata, huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur